PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Dokument ta' Sessjoni

A6-0459/2007

29.11.2007

***I
RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari fir-rigward ta' l-introduzzjoni tal-*bijometriċi* inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi
(COM(2006)0269 – C6-0166/2006 – 2006/0088(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Sarah Ludford,

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 32

PROĊEDURA.....36

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari fir-rigward ta' l-introduzzjoni tal-*bijometriċi* inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi (COM(2006)0269 – C6-0166/2006 – 2006/0088(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0269),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u 62 (2) (b) (ii), skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0166/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0459/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Amendment 1 RECITAL 3
(3) L-***għażla ta' l-identifikaturi biometriċi ssir fir-****Regolament* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri li tittratta dwar viżi għal żjarat qosra]. ***Dan*** ir-Regolament jiddefinixxi l-istandards għall-ġbir ta' dawn l-identifikaturi *biometriċi* billi jirreferi għad-dispożizzjonijiet relevanti stipulati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-	(3) *Ir-[Regolament* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri li tittratta dwar viżi għal żjarat qosra] ***jipprovdi li l-marki tas-swaba' u r-ritratti ta' l-applikant għandhom jintrefgħu fil-VIS***. ***Dan*** ir-Regolament jiddefinixxi l-istandards għall-ġbir ta' dawn l-identifikaturi *biometriċi* billi jirreferi għad-dispożizzjonijiet relevanti stipulati mill-

Avjazzjoni Ċivili (l-ICAO). *Mhumiex* meħtieġa aktar speċifikazzjonijiet tekniċi biex tkun żgurata l-*interoperabbilità*.	Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (l-ICAO). *Mhumiex* meħtieġa aktar speċifikazzjonijiet tekniċi biex tkun żgurata l-*interoperabbilità*.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan biss li tikkjarifika t-test: għandu jkun ċar l-għażla ta' l-identifikaturi bijometriċi xi tkun u li hemm intenzjonati żewġ regolamenti distinti.

Emenda 2
PREMESSA 3 A (ġdida)

	(3a) L-arranġamenti biex jintlaqgħu l-applikanti għandhom isiru bir-rispett li jixraq għad-dinjità u l-integrità tal-bniedem. L-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall- viżi għandu jitmexxa b'manjiera professjonali u rispettuża u jkun proporzjonali għall-objettivi segwiti.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni hija kkupjata mill-proposta tal-Kummissjoni dwar Kodiċi tal-Viża (COM(2006)403) u mmodifikata kemm kemm. Peress li probabbilment it-test preżenti se jidħol fis-seħħ qabel ma l-Kodiċi tal-Viża l-ġdid ikun daħal fis-seħħ huwa importanti li jiġu inkorporati fit-test preżenti dawk id-dispożizzjonijiet iġġudikati bħala indispensabbli għall-funzjonament tal-VIS. Klawsola ġenerali dwar il-kondotta ta' l-istaff tidher li hi essenzjali b'mod partikulari minħabba t-teħid tad-data bijometrika bħala element ġdid fil-proċess tal-ħruġ ta' viżi.

Emenda 3
PREMESSA 5

(5) Għandhom jiddaħħlu għażliet oħra bħal *m'huma* l-ko-lokazzjoni, iċ-ċentri komuni għall-applikazzjonijiet u l-esternalizzazzjoni. Għandu jiġi stabbilit qafas legali xieraq għal dawn l-għażliet filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari kwistjonijiet dwar it-tħaris tad-data. *Taħt* il-qafas legali li jiġi stabbilit l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa *biex* jiddeċiedu liema tip ta' struttura organizzattiva *jridu* jużaw f'kull wieħed mill-pajjizi terzi. Id-dettalji dwar *dawn* l-istrutturi għandhom ikunu ppubblikati mill-	(5) Għandhom jiddaħħlu għażliet oħra bħal *m'huma* l-ko-lokazzjoni, iċ-ċentri komuni għall-applikazzjonijiet u l-esternalizzazzjoni. Għandu jiġi stabbilit qafas legali xieraq għal dawn l-għażliet filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari kwistjonijiet dwar it-tħaris tad-data. ***Bil-għan li tkun żgurata l-integrità tal-proċess tal-ħruġ tal-viżi kull attività marbuta mal-ħruġ tal-viżi, inkluż il-ġbir tad-data bijometrika, għandha titwettaq fil-bini ta' Stat Membru li jkun igawdi l-ħarsien diplomatiku jew konsulari taħt il-liġi interazzjonali jew f'bini tal-***

Kummissjoni.	***Kummissjoni Ewropea li jkun irrikonoxxut mill-Istat ospitanti bħala wieħed invjolabbli.*** *Skond* il-qafas legali li jiġi stabbilit l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa *li* jiddeċiedu liema tip ta' struttura organizzattiva *se* jużaw f'kull wieħed mill-pajjizi terzi. Id-dettalji dwar *dawk* l-istrutturi għandhom ikunu ppubblikati mill-Kummissjoni ***fuq sit ta' l-internet komuni tal-viża ta' Schengen***.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 3 ta' l-abbozz ta' rapport.

Minħabba, b'mod partikulari, ir-riskji għas-sigurtà tad-data u għall-ħarsien tad-data li hemm marbuta mat-teħid tal-bijometriċi iżda wkoll il-fatt li l-proċess tal-ħruġ ta' viżi huwa u għandu jibqa' kompitu pubbliku (anke jekk ċerti aspetti huma esternalizzati), diversi emendi ġew imressqa biex ikun żgurat li kwalunkwe attività marbuta mal-ħruġ tal-viżi sseħħ f'bini li jgawdi ħarsien diplomatiku jew konsulari. Huwa importanti li dawn ikunu l-binjiet ta' Stati Membri jew ta' delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, sabiex ikun żgurat li d-Direttiva 95/46 u r-Regolament 45/2001 ikunu applikabbli u li kull materjal ikun protett, e.g. minn qbid bil-forza.

L-idea li jkun stabbilit sit ta' l-internet komuni tal-viża ta' Schengen, www.schengenvisa.eu tressqet min Henrik Lax fl-abbozz ta' rapport tiegħu dwar Kodiċi tal-Viża u r-rapporteur preżenti tappoġġja din l-idea bis-sħiħ. Għal raġunijiet ta' trasparenza u ċarezza, huwa importanti li l-istrutturi organizzattivi magħżula mill-Istati Membri jiġu ppubblikati fuq l-istess sit.

Emenda 4
PREMESSA 7

(7) ***Huwa meħtieġ li jiġu mfassla provvedimenti għal sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri jiddeċiedu*** li jesternalizzaw parti mill-proċedura tat-trattament tal-viżi lil fornitur estern tas-servizzi. Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu stabbiliti b'konformità stretta mal-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-ħruġ tal-viżi, u b'rispett lejn l-obbligi għat-tħaris tad-data stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-	(7) ***Peress li l-ħruġ tal-viżi hu min-natura tiegħu stess kompitu pubbliku, kull deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru*** li jesternalizzaw parti mill-proċess tat-trattament tal-viżi lil fornitur estern tas-servizzi ***għandha tittieħed biss jekk ma tkun teżisti l-ebda possibilità oħra u jekk tkun iġġustifikata kif jixraq***. Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu stabbiliti b'konformità stretta mal-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-ħruġ tal-viżi, u b'rispett lejn l-obbligi għat-tħaris tad-data stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE

ipproċessar tad-data personali u l-moviment ħieles ta' din id-data	tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u l-moviment ħieles ta' din id-data

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-varjetà sħiħa ta' konsegwenzi li jistgħu jinħolqu mill-esternalizzazzjoni tax-xogħol, dan il-pass għandu jittieħed biss meta ma jkunx fadal għażla oħra u jrid ikun iġġustifikat kif jixraq. Ir-rapporteur jidhrilha li huwa importanti li dan ikun iddikjarat b'mod espliċitu.

Emenda 5
PREMESSA 8

(8) *L-Istati Membri* ***għandhom*** *jagħlqu* ***l-kuntratti*** ma' forniturі esterni tas-servizzi ***li*** *għandhom jistipulaw preċiżament* ir-responsabbiltajiet tagħhom u *jipprevedu* aċċess dirett *t* totali għall-uffiċċji *tagħhom*; l-informazzjoni *li għandha tingħata lill-* applikanti, *l-obbligi tal-*kunfidenzjalità u ċ-ċirkustanzi, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għas-sospenzjoni jew it-terminazzjoni tal-kuntratt.	(8) ***Kull kuntratt li*** *Stat Membru* ***jikkonkludi*** ma' ***fornitur*** *estern* tas-servizzi *għandu jkun fih dispożizzjonijiet dwar* ir-responsabbiltajiet *preċiżi* ***tal-fornitur***, *l-* aċċess dirett u totali għall-uffiċċji ***tiegħu***; l-informazzjoni *ta' l-*applikanti, il-kunfidenzjalità***, il-konformità mar-regoli għall-ħarsien tad-data*** u ċ-ċirkustanzi, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għas-sospenzjoni jew it-terminazzjoni tal-kuntratt. ***L-Istati Membri għanhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-kuntratti ma' forniturі esterni tas-servizzi ikunu jistgħu jiġu infurzati.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 5 ta' l-abbozz ta' rapport. L-ewwel partijiet ta' l-emenda huma kjarifikazzjonijiet. L-aħħar parti żżid il-ħarsien tad-data bħala dispożizzjoni importanti li għandha tidher fil-kuntratti li jsiru mal-forniturі esterni tas-servizzi.

Emenda 6
PREMESSA 8 A (ġdida)

	(8a) L-Istati Membri għandhom jimmiraw li jorganizzaw l-ilqugħ ta' l-applikazzjonijiet għal viża, ir-reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi u l-intervista b'tali mod li min japplika għal viża jkollu jidher personalment darba waħda biss (il-

prinċipju ta' post wieħed fejn tmur darba għas-servizzi kollha) sabiex jakkwista viża.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti ħafna li l-introduzzjoni tal-bijometriċi ma' toħloqx inkonvenjenzi bla bżonn għal dawk li japplikaw għal viża peress li suppost li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu wkoll. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jimmiraw kemm jista' jkun li jsegwu l-prinċipju ta' post wieħed fejn tmur darba għas-servizzi kollha.

Emenda 7
PREMESSA 9

(9) ***Biex tkun żgurata l-konformità mat-tħaris tad-data, ġew ikkonsultati l-grupp ta' ħidma mwaqqaf bis-saħħa ta' l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE tal-parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u l-moviment ħieles ta din id-data u l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data.***

(9***) Il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data ħareġ opinjoni skond l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 fuq il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u fuq il-moviment ħieles ta' data bħal din[1] u l-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 skond l-Artikolu 30(1)(c) tad-Direttiva 95/46/KE.***

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa ġiet iċċarata għax kienet qed tissuġġerixxi li billi wieħed sempliċement jikkonsulta lill-awtoritajiet tal-ħarsien tad-data kienet se tkun żgurata l-konformità mar-regoli għall-ħarsien tad-data. Fir-realtà kemm l-EDPS u kemm il-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 qajmu serje ta' kwistjonijiet ta' tħassib serju fl-opinjonijiet tagħhom dwar din il-proposta.

Emenda 8
PREMESSA 9 A (ġdida)

(9a) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data tapplika għall-ipproċessar ta' data personali b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madanakollu, ċerti punti

	għandhom jiġu ċċarati b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabilità għall-ipproċessar tad-data, tal-ħarsien tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u tas-superviżjoni dwar il-ħarsien tad-data.

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jkun iddikjarat b'mod espliċitu li d-Direttiva 95/46 dwar il-protezzjoni tad-data tapplika għal kull ipproċessar ta' data personali b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 9
PREMESSA 11

(11) Sabiex tiġi *simplifikata* l-proċedura għal kull applikazzjoni *sussegwenti*, għandu jkun possibbli li tiġi kkupjata d-data *biometrika* mill-ewwel applikazzjoni fi żmien ***48*** xahar ***f'konformità mal***-perjodu ta' żamma tad-data ***stabbilit mir-***Regolament *VIS*. Ladarba jaqbeż dan il-perjodu ta' żmien, l-identifikaturi *bijometriċi* jkollhom jerġgħu jittieħdu mill-ġdid.	(11) Sabiex tiġi *ffaċilitata* l-proċedura għal kull applikazzjoni *sussegwenti*, għandu jkun possibbli li tiġi kkupjata d-data *bijometrika* mill-ewwel applikazzjoni fi żmien ***59*** xahar ***mil-bidu tal***-perjodu ta' żamma tad-data ***li jaħseb għalih l-Artikolu 23 tar-***Regolament *tal-VIS*. Ladarba jaqbeż dan il-perjodu ta' żmien, l-identifikaturi *bijometriċi* jkollhom jerġgħu jittieħdu mill-ġdid.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 9 ta' l-abbozz ta' rapport.

Iż-żmien li għalih trid tinżamm id-data fil-VIS huwa ta' ħames snin, jiġifieri 60 xahar, u għalhekk perjodu għall-"użu mill-ġdid" ta' 59 xahar jassigura li d-data dwar l-applikant tkun għadha disponibbli. Barra minn hekk, perjodu itwal li fih id-data bijometrika tkun tista' terġa' tintuża jagħmel is-sistema iktar adattata għall-utenti u tnaqqas l-ammont ta' xogħol tal-konsulati. Dan huwa konsistenti wkoll ma' l-approċċ tas-Sur Lax f'dan ir-rapport fuq il-Kodiċi tal-Viża tal-ġejjieni.

Emenda 10
PREMESSA 14

(14) Il-Kummissjoni għandha *tagħmel* rapport dwar l-eżekuzzjoni ta' dan ir-Regolament ***sentejn*** wara ***d-dħul tiegħu fis-seħħ***, u fih tkopri l-*eżekuzzjoni* tar-*rilevar* ta' l-identifikaturi *biometriċi*, il-prinċipju ta' "l-ewwel *applkazzjoni*" u l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi.	(14) Il-Kummissjoni għandha *tippreżenta* rapport dwar l-*implimentazzjoni* ta' dan ir-Regolament ***tliet snin*** wara ***li l-VIS ikun beda jitħaddem u kull erba' snin wara dan***, u fih tkopri l-*implimentazzjoni* tar-*reġistrazzjoni* ta' l-identifikaturi *bijometriċi*, ***kemm ikun jixraq l-istandard ta' l-ICAO magħżul, il-konformità mar-regoli tal-ħarsien tad-data, l-esperjenza ma' fornituri***

esterni tas-servizzi b'referenza speċifika għall-ġbir ta' data bijometrika, il-prinċipju ta' "l-ewwel *applikazzjoni*" u l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi. ***Ir-rapport għandu jinkludi wkoll, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 17(12), (13) u (14) u l-Artikolu 50(4) tar-Regolament tal-VIS, il-każijiet fejn il-marki tas-swaba' ma jistgħux jiġu pprovduti b'mod fattwali jew fejn ma kinux meħtieġa li jiġu pprovduti għal raġunijiet legali meta mqabbla ma' każijiet li fihom il-marki tas-swaba' huma mehuda. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni fuq każijiet li fihom persuna li ma setgħetx tipprovdi marki tas-swaba' b'mod fattwali ġiet miċħuda viża. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti xierqa biex jigi emendat dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija kompromess bejn Emenda 35 tar-rapporteur, Emenda 36 tas-Sna Roure u Emenda 40 tas-Sna Kaufmann.

Emenda 11
PREMESSA 15

(15) ***Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika fil-grad li l-proposta ma taqax fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.*** Dan ir-Regolament ma jmurx lilhinn minn dak li hu neċessasrju sabiex jinkisbu l-għanijiet segwiti ***skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat***.	(15) ***L-objettivi ta' dan ir-Regolament huma l-organizzazzjoni ta' l-ilqugħ u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet tal-viża f'dak li jirrigwarda t-tidħil tad-data bijometrika fil-VIS. Peress li dawn l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri l-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat fit-tielet paragrafu ta' dak l-Artikolu,*** dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-

objettivi.

Ġustifikazzjoni

Il-Premessi 15 u 16 hawn ġew miġbura fi premessa waħda kif inhi l-prattika tas-soltu fil-proposti tal-Kummissjoni u t-test ġie ċċarat.

Emenda 12
PREMESSA 16

(16) F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq li, biex jintlaħaq l-għan bażiku għall-introduzzjoni ta' standards komuni u ta' identifikaturi biometriċi interoperabbli, jiġu stabbiliti regoli għall-Istati Membri kollha li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Schengen. Dan ir-Regolament ma jmurx lilhinn minn dak li hu neċessasrju sabiex jinkisbu l-għanijiet segwiti skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat.	***imħassra***

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emendi li saru lill-Premessa 15.

Emenda 13
PREMESSA 16 A (ġdida)

	(16a) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Ġustifikazzjoni

Din hija premessa standard fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE li għandha impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-referenza għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal hija ta' interess partikolari fil-kuntest preżenti u għalhekk hija miżjuda mal-premessa standard.

Emenda 14
ARTIKOLU 1, PUNT 1, PUNT (A)
Punt II, punt 1.2., punt (b) (CCI)

"Stat Membru jista' wkoll jirrappreżenta Stat Membru ieħor jew aktar għall-uniku għan ta' l-ilqugħ ta' l-applikazzjonijiet u r-reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti ta' 1.2 (c) u (e). L-ilqugħ u t-trasmissjoni tal-fajls u d-dejta għall-uffiċċju konsulari rrappreżentat għandhom isiru skond ir-regoli relevanti għall-ħarsien u s-sigurtà tad-dejta".	"Stat Membru jista' wkoll jirrappreżenta Stat Membru ieħor jew aktar għall-uniku għan ta' l-ilqugħ ta' l-applikazzjonijiet u r-reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti ta' 1.2 (c) u (e). ***Meta jirċievi applikazzjoni l-Istat Membru rappreżentant għandu joħloq il-fajl ta' l-applikazzjoni fil-VIS u jdaħħal id-dejta msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-VIS. Imbagħad għandu jinforma lill-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru rappreżentat dwar l-applikazzjoni u l-entrata fil-VIS permezz ta' l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS kif jipprovdi l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-VIS.*** L-ilqugħ u t-trasmissjoni tal-fajls u d-dejta għall-uffiċċju konsulari rrappreżentat għandhom isiru skond ir-regoli relevanti għall-ħarsien u s-sigurtà tad-dejta".

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 15 ta' l-abbozz ta' rapport.

Ir-raġuni li fuqha hija msejsa l-idea li l-VIS tiġi introdotta għall-ewwel darba f'reġjuni partikolari hija li l-konsulati kollha ta' l-Istati Membri jibdew jużaw il-VIS fl-istess ħin. Dan jimplika li l-konsulati kollha għandhom aċċess għall-VIS. Jidher, għalhekk, li hu loġiku li l-Istat Membru rappreżentant idaħħal, f'isem l-Istat Membru rrappreżentat, id-dejta bażika tal-viża direttament għal ġol-VIS. Din hija l-aħjar garanzija biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta u l-ħarsien tad-dejta, b'mod partikulari fir-rigward tat-trasmissjoni tad-dejta bijometrika. In-numerazzjoni ta' l-artikoli tal-VIS ġiet adattata għal dawk li jinsabu fil-verżjoni finali tar-Regolament.

Emenda 15
ARTIKOLU 1, PUNT 1 A (ġdid)
Punt III, punt -1 (ġdid) (CCI)

	(1a) Fil-Punt III, għandu jiġi miżjud il-punt -1:
	"Imġiba ta' l-istaff involut fl-

	applikazzjonijiet tal-viża
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jintlaqgħu bil-kortesija mill-istaff kollu involut fl-applikazzjonijiet tal-viża.
	L-istaff kollu, fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, għandu jirrispetta f'kollox id-dinjità umana u l-integrità ta' l-applikant. Kull miżura li tittieħed għandha tkun proporzjonata għall-objettivi segwiti.
	Waqt it-twettiq tal-kompiti tiegħu, l-istaff m'għandux jiddiskrimina kontra persuni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentament sesswali.

Ġustifikazzjoni

Emenda 16 tar-rapporteur ġiet immodifikata kemm kemm sabiex tkun tapplika wkoll għall-istaff tal-fornituri esterni tas-servizzi.

Emenda 16
ARTIKOLU 1, POINT 2
Point III, point 1.1 (CCI)

(2) Fil-Punt III, il-punt 1 huwa mibdul *b'*li ġej:	(2) Fil-Punt III, il-punt 1 huwa mibdul *ma' dan* li ġej:
1.1 Formoli *ta'* applikazzjoni għall-viża – numru ta' applikazzjonijiet	1.1 Formoli *ta' l*-applikazzjoni għall-viża – numru ta' applikazzjonijiet
Il-barranin ukoll huma mitluba jimlew il-formola għall-viża uniformi. L-applikazzjonijiet għall-viża uniformi jridu jsiru billi tintuża l-formola armonizzata li mudell tagħha jidher fl-Anness 16.	***L-applikanti*** ukoll huma mitluba jimlew il-formola għall-viża uniformi. L-applikazzjonijiet għall-viża uniformi jridu jsiru billi tintuża l-formola armonizzata li mudell tagħha jidher fl-Anness 16.
Trid timtela almenu kopja waħda tal-formola ta' l-applikazzjoni sabiex tkun tista' tintuża waqt il-konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet ċentrali. Fejn il-proċeduri amministrattivi nazzjonali *jirrikjedu*, il-Partijiet Kontraenti *jistgħu,* jistaqsu għal diversi kopji ta' l-applikazzjoni.	Trid timtela almenu kopja waħda tal-formola ta' l-applikazzjoni sabiex tkun tista' tintuża waqt il-konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet ċentrali. Fejn il-proċeduri amministrattivi nazzjonali *hekk jirrikjedu*, il-Partijiet Kontraenti *jistgħu* jistaqsu għal diversi kopji ta' l-applikazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 17 ta' l-abbozz ta' rapport.

Il-kelma 'barranin' għandha tiġi ssostitwita bil-kelma 'applikanti' fit-test kollu, peress li din hija kelma użata u ddefinita fir-Regolament tal-VIS.

Emenda 17
ARTIKOLU 1, PUNT 2
Punt III, punt 1.2, punt (a) (CCI)

a) L-Istati Membri jistgħu jiġbru mingħand l-applikant l-identifikaturi *biometriċi* li jkunu jikkonsistu fix-xbieha tal-wiċċ u għaxar marki tas-swaba' ***skond in-normi ta' protezzjoni*** stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għat-*Tħaris* tad-Drittijiet *Umani* u l-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.	a) L-Istati Membri għandhom jiġbru mingħand l-applikant l-identifikaturi bijometriċi li jkunu jikkonsistu fix-xbieha tal-wiċċ u għaxar marki tas-swaba' filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-*Ħarsien* tad-Drittijiet *tal-Bniedem* u l-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.
Fil-mument ta' meta tintefa' l-ewwel *applikazzjoni* għall-viża, kull applikant/a *għandu/ha* jidher/tidher in persuna. F'dak il-mument għandhom jinġabru l-identifikaturi *biometriċi* li ġejjin:	Fil-mument ta' meta tintefa' l-ewwel *applikazzjoni tiegħu/tagħha* għall-viża, kull applikant(a) ***li mhux/mhix suġġetta għal xi waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fil-punt (b)*** *għandu/ha jkun/tkun mitlub(a)* jidher/tidher in persuna. F'dak il-mument għandhom jinġabru l-identifikaturi *bijometriċi* li ġejjin:
– ritratt, *skannjat* jew meħud fil-ħin meta tintefa' l-applikazzjoni u	– ritratt, *skennjat* jew meħud fil-ħin meta tintefa' l-applikazzjoni u
– għaxar marki tas-swaba' meħuda għaċ-ċatt u meħuda b'mod diġitali	– għaxar marki tas-swaba' meħuda għaċ-ċatt u meħuda b'mod diġitali
Għal kull applikazzjoni *suċċessiva* l-identifikaturi *biometriċi* għandhom jiġu kkupjati mill-ewwel applikazzjoni, ***bil-kondizzjoni li ma jkunux għaddew aktar minn 48 xahar mill-aħħar rilevar***. Wara dan il-perjodu, applikazzjoni sussegwenti għandha titqies bħala "l-ewwel applikazzjoni".	Għal kull applikazzjoni *sussegwenti****, fi żmien 59 xahar mill-bidu tal-perjodu ta' żamma li jipprovdi għalih l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-VIS,*** l-identifikaturi *bijometriċi* għandhom jiġu kkupjati mill-ewwel applikazzjoni. Wara dan il-perjodu, applikazzjoni sussegwenti għandha titqies bħala "l-ewwel applikazzjoni".
Il-*ħtiġiet* tekniċi għar-ritratt u l-marki tas-swaba' għandhom ikunu skond l-istandards internazzjonali kif stabbiliti fid-dokument 9303 ta' l-ICAO, il-parti 1 (passaporti) is-sitt edizzjoni.	Il-*ħtiġijiet* tekniċi għar-ritratt u l-marki tas-swaba' għandhom ikunu skond l-istandards internazzjonali kif stabbiliti fid-dokument 9303 ta' l-ICAO, il-parti 1 (passaporti) is-sitt edizzjoni.
L-identifikaturi *biometriċi* għandhom	L-identifikaturi *bijometriċi* għandhom

jittieħdu minn staff kwalifikat u awtorizzat kif xieraq *li jaħdem għall*-missjoni diplomatika jew *fl*-uffiċċju konsulari jew, taħt is-sorveljanza ta' dawn, staff tal-fornitur estern tas-servizzi *kif* imsemmi fil-punt 1.B.	jittieħdu minn staff kwalifikat u awtorizzat kif xieraq *tal*-missjoni diplomatika jew *ta' l*-uffiċċju konsulari jew, taħt is-sorveljanza ***u r-responsabilità*** ta' dawn, staff tal-fornitur estern tas-servizzi msemmi fil-punt 1.B.
Id-*data* għandha tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (il-VIS) *esklussivament mill-istaff* konsulari awtorizzat kif xieraq ***skond l-Artikolu*** 4(1), l-Artikolu 5***, l-Artikolu 6(5) u (6)*** tar-*regolament* tal-VIS.	Id-*dejta* għandha tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (il-VIS) *biss minn staff* konsulari awtorizzat kif xieraq ***imsemmi fl-Artikolu*** 4(1), ***skond*** l-Artikolu 5 tar-*Regolament* tal-VIS.
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir użu sħiħ tal-kriterji kollha tar-riċerka skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-VIS sabiex jiġi evitat li jsiru ċaħdiet u identifikazzjonijiet foloz.
	Il-ġbir ta' l-identifikaturi bijometriċi, inkluż it-trażmissjoni tagħhom mill-fornitur tas-servizzi lill-uffiċċju konsulari responsabbli, għandu jkun issorveljat skond l-Artikoli 41 u 43 tar-Regolament tal-VIS u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 1995/46.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 18 ta' l-abbozz ta' rapport.

Għalkemm la l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-anqas il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ma tistipula salvagwardji għall-ġbir tal-bijometriċi, huma jinkludu drittijiet tal-bniedem importanti li għandhom jiġu rrispettati fil-kuntest ta' din il-proposta. Referenza għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ġiet miżjuda wkoll.

Għandu jkun spjegat espliċitament li mhux kull wieħed mill-applikanti jeħtieġ li jidher personalment f'konsulat iżda li huma previsti eċċezzjonijiet.

Ir-referenza għal "l-aħħar entrata" hija waħda qarrieqa u għalhekk it-test ġie ċċarat. Għall-estensjoni tal-perjodu rigward il-frekwenza tal-ġbir tad-dejta bijometrika, ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda li saret lill-Premessa 11.

It-teħid tal-bijometriċi minn fornituri esterni tas-servizzi għandu jissodisfa diversi kundizzjonijiet u waħda importanti hija li r-responsabilità aħħarija taqa' fuq il-missjonijiet diplomatiċi jew l-uffiċċji konsulari.

L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-VIS bħala l-artikolu ġenerali li jittratta dwar il-proċeduri biex tiddaħħal id-dejta dwar l-applikazzjoni huwa suffiċjenti u għalhekk ir-referenzi għall-artikoli l-oħra għandhom jiġu mħassra.

Huwa importanti, bħala proċedura ta' alternattiva f'każ ta' bżonn, li jiġi ċċarat li l-awtoritajiet tal-viża għandhom jużaw it-tasti kollha tat-tiftix previsti fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-VIS.

Biex tkun żgurata l-konsistenza mar-regoli speċifiċi dwar il-ħarsien tad-dejta kif inhuma stipulati fir-Regolament tal-VIS jidher li jinħtieġ li jkun hemm referenza minn naħa għal oħra (ara l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29, p. 9). In-numerazzjoni ta' l-artikoli tal-VIS ġiet adattata għal dawk li jinsabu fil-verżjoni finali tar-Regolament.

Emenda 18
ARTIKOLU 1, PUNT 2
Punt III, punt 1.2, punt (b) (CCI)

b) Eċċezzjonijiet	b) Eċċezzjonijiet
L-applikanti li ġejjin għandhom jiġu eżentati mill-ħtieġa tal-marki tas-swaba':	L-applikanti li ġejjin għandhom jiġu eżentati mill-ħtieġa tal-marki tas-swaba':
– Tfal taħt l-età ta' 6-il sena;	– Tfal taħt l-età ta' 12-il sena;
– Persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'. Jekk, madankollu, ikun possibbli li jittieħdu inqas minn għaxar marki tas-swaba', in-numru rispettiv ta' marki tas-swaba' għandu jittieħed.	*– Persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'. Jekk, madankollu, ikun possibbli li jittieħdu inqas minn għaxar marki tas-swaba', in-numru rispettiv ta' marki tas-swaba' għandu jittieħed.* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ proċeduri xierqa li jiggarantixxu d-dinjità tal-persuna kkonċernata jekk jinqala' l-każ li jkun hemm diffikultajiet biex dak li jkun jirreġistra. Huma għandhom jiżguraw ukoll li d-deċiżjoni dwar jekk huwiex impossibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' tittieħed dejjem minn staff tal-missjoni diplomatika jew ta' l-uffiċċju konsulari ta' l-Istat(i) Membru/i liema staff ikun awtorizzat kif jixraq. Barra minn hekk, jekk l-impossibilità tkun waħda temporanja, l-applikant għandu jkun meħtieġ li jagħti l-marki tas-swaba fl-applikazzjoni li jkun imiss. L-istaff konsulari għandu jkun intitolat li jitlob li jingħata aktar kjarifika tar-raġunijiet għall-impossibilità temporanja.*** ***Il-fatt li t-teħid tal-marki tas-swaba' jkun fiżikament impossibbli m'għandux jinfluwenza l-għoti jew ir-rifjut ta' viża.***
Stat Membru jista' jipprovdi għal	Stat Membru jista' jipprovdi għal

eżenzjonijiet mir-rekwiżit li jingabru l-identifikaturi bijometriċi għal dawk li jkollhom passaport diplomatiku, passaporti uffiċjali jew tas-servizz u passaporti speċjali;

F'kull wieħed minn dawn il-każi għandha tiddaħħal fil-VIS l-entratura "mhux applikabbli".

eżenzjonijiet mir-rekwiżit li jingabru l-identifikaturi bijometriċi għal dawk li jkollhom passaport diplomatiku, passaporti uffiċjali jew tas-servizz u passaporti speċjali;

F'kull wieħed minn dawn il-każi għandha tiddaħħal fil-VIS l-entratura "mhux applikabbli".

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Parti III.4 tas-CCI, għal persuni taħt l-età ta' 12-il sena u għal dawk li qabżu d-79 sena, għandhom jintużaw ritratti skennjati li ma jkunux jeħtieġu li dawn jidhru personalment.

L-eżenzjoni mill-obbligu li jingħataw il-marki tas-swaba' fil-każ tat-tfal u x-xjuħ, u b'mod partikulari il-firxa ta' etajiet għat-teħid tal-marki tas-swaba', għandha tiġi rriveduta tliet snin wara l-bidu tat-tħaddim tal-VIS. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li b'mod partikulari għandu jkopri l-esperjenza tal-VIS fir-rigward tat-teħid u l-użu tal-marki tas-swaba' minn tfal ta' 12-il sena u aktar u valutazzjon teknika ddettaljata ta' l-affidabilità tat-teħid u l-użu tal-marki tas-swaba' ta' tfal ta' taħt it-12-il sena għall-għanijiet ta' identifikazzjoni u verifika f'bażi ta' dejta ta' skala kbira bħal m'hi l-VIS. Ir-rapport għandu jinkorpora valutazzjoni estiża ta' l-impatt ta' limiti ta' età aktar baxxa u ta' dawk aktar għolja għar-rekwiżit tal-mrki tas-swaba', inklużi l-aspetti soċjali, ergonomiċi u finanzjarji.

Ir-rapport għandu jagħmel valutazzjoni simili fir-rigward tat-teħid tal-marki tas-swaba' mix-xjuħ. Jekk jagħti l-każ li r-rapport juri problemi sinjifikanti fit-teħid tal-marki tas-swaba' ta' persuni ta' aktar minn ċerta età, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta biex jiġi impost limitu għall-akbar età.

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti xierqa biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tgħaqqad flimkien Emenda 41 tar-rapporteur, Emenda 42 tas-Sna Roure u Emenda 40 tas-Sna Kaufmann.

Emenda 19
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Punt VII, punt 1 A, paragrafu 2 (CCI)

Għal kull lokalità l-Istati Membri għandhom jew jattrezzaw l-uffiċċju konsulari tagħhom bit-tagħmir neċessarju biex jittieħdu/jinġabru l-identifikaturi biometriċi jew bla ħsara għall-għażliet ta' rappreżentanza msemmija aktar 'il fuq, jiddeċiedu li jikkooperaw ma' Stat Membru ieħor jew aktar. Kull kooperazzjoni għandha tkun forma ta' ko-lokazzjoni jew it-twaqqif ta' Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet jew kooperazzjoni ma' msieħba esterni.	Għal kull lokalità l-Istati Membri għandhom jew jattrezzaw l-uffiċċju konsulari tagħhom bit-tagħmir neċessarju biex jittieħdu/jinġabru l-identifikaturi biometriċi jew bla ħsara għall-għażliet ta' rappreżentanza msemmija aktar 'il fuq, jiddeċiedu li jikkooperaw ma' Stat Membru ieħor jew aktar. Kull kooperazzjoni għandha tkun forma ta' ko-lokazzjoni jew it-twaqqif ta' Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet jew kooperazzjoni ma' msieħba esterni.

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-ħruġ tal-viżi inkluż it-teħid tal-bijometriċi għandu jibqa' essenzjalment kompitu pubbliku, l-esternalizzazzjoni għandha tintuża biss meta ma jkun fadal l-ebda possibilità oħra. Tieħu post Emenda 20.

Emenda 20
ARTIKOLU 1, PUNT 3Punt VII, punt 1 A, paragrafu 2, punt (a) (CCI)

a) Meta tintgħażel il-"ko-lokazzjoni", l-istaff mill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' wieħed mill-Istati Membri jew aktar jipproċessa l-applikazzjonijiet (inklużi l-identifikaturi bijometriċi) indirizzati lilhom fil-missjoni diplomatika u fl-uffiċċju konsulari ta' Stat Membru ieħor u jużaw bejniethom it-tagħmir ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri konċernati għandhom jaqblu dwar it-tul ta' żmien u l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-waqfien operattiv tal-ko-lokazzjoni kif ukoll dwar il-parti tal-miżata	a) Meta tintgħażel il-"ko-lokazzjoni", l-istaff mill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' wieħed mill-Istati Membri jew aktar jipproċessa l-applikazzjonijiet (inklużi l-identifikaturi bijometriċi) indirizzati lilhom fil-missjoni diplomatika u fl-uffiċċju konsulari ta' Stat Membru ieħor u jużaw bejniethom it-tagħmir ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri konċernati għandhom jaqblu dwar it-tul ta' żmien u l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-waqfien operattiv tal-ko-lokazzjoni kif ukoll dwar il-parti tal-miżata

amministrattiva li għandha titħallas lill-Istat Membru li jkun ipprovda l-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju konsulari.	amministrattiva li għandha titħallas lill-Istat Membru li jkun ipprovda l-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju konsulari. ***L-applikanti għandhom jiġu rriferuti għand l-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għal viża.***

Ġustifikazzjoni

Għall-ko-lokazzjoni kif ukoll għaċ-Ċentri Komuni għall-Applikazzjonijiet, ċittadini minn pajjiżi terzi għandhom ikunu rriferuti lill-uffiċjali konsulari 'korretti'.

Emenda 21
ARTIKOLU 1, PUNT 3Punt VII, punt 1 A, paragrafu 2, punt (a) (CCI)

b) Where "Common Application *Centres":* staff minn missjonijiet diplomatiċi u uffiċċji konsulari ta' żewġ Stati Membri jew aktar għandu jinġabar f'bini wieħed biex hemmhekk jirċievu l-applikazzjonijiet għall-viżi (inklużi l-identikikaturi biometriċi) indirizzati lilhom. L-applikanti għandhom jiġu rriferuti għand l-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għal viża. L-Istat Membri għandhom jiftiehmu dwar il-tul ta' żmien u l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-waqfien ta' din il-kooperazzjoni kif ukoll dwar kif ikunu se jinqasmu l-ispejjeż bejn l-Istati Membri parteċipanti. Stat Membru wieħed għandu jidħol responsabbli għall-kuntratti fejn ikun jirrigwarda l-loġistika u r-relazzjonijiet diplomatiċi mal-pajjiż ospitanti.	b) Fejn ikunu stabbiliti "Ċentri Komuni għall-Applikazzjonijiet", staff minn missjonijiet diplomatiċi u uffiċċji konsulari ta' żewġ Stati Membri jew aktar għandu jinġabar fil-bini ta' Stat Membru wieħed li jkun igawdi ħarsien diplomatiku jew konsulari taħt il-liġi internazzjonali jew f'bini tal-Kummissjoni Ewropea magħruf mill-Istat ospitanti bħala wieħed invjolabbli biex hemmhekk jilqgħu l-applikazzjonijiet għal viża (inklużi l-identikikaturi bijometriċi) indirizzati lilhom. L-applikanti għandhom jiġu rriferuti għand l-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għal viża. L-Istat Membri għandhom jiftiehmu dwar il-tul ta' żmien u l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-waqfien ta' din il-kooperazzjoni kif ukoll dwar kif ikunu se jinqasmu l-ispejjeż bejn l-Istati Membri parteċipanti. Stat Membru wieħed għandu jidħol responsabbli għall-kuntratti fejn ikun jirrigwarda l-loġistika u r-relazzjonijiet diplomatiċi mal-pajjiż ospitanti.

Ġustifikazzjoni

Minħabba r-riskji partikulari għas-sigurtà tad-dejta u għall-ħarsien tad-dejta marbuta mat-

teħid tal-bijometriċi, ġew imressqa diversi emendi biex ikun assigurat li kull attività marbuta mal-ħruġ tal-viżi issir b'bini li jkun igawdi l-ħarsien diplomatiku jew konsulari. Dan huwa l-każ kemm għaċ-Ċentri Komuni għall-applikazzjonijiet u kemm għall-forniturі esterni tas-servizzi. Dan ukoll kien irrakkomandat bis-saħħa kemm mill-EDPS (ara p. 7 ta' l-opinjoni tiegħu) u kemm mill-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 (ara p. 10 ta' l-opinjoni tagħhom). Huwa importanti li dawn ikunu l-binjiet ta' Stati Membri jew ta' delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, sabiex ikun żgurat li d-Direttiva 95/46 u r-Regolament 45/2001 ikunu applikabbli u li kull materjal ikun protett, e.g. minn qbid bil-forza.

Emenda 22
ARTIKOLU 1, PUNT 3Punt VII, punt 1 B (CCI)

Jekk, għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni lokali tal-post konsulari, ma jkunx xieraq li l-uffiċċju konsulari jintrama għat-teħid/ il-ġbir ta' l-identifikaturi biometriċi jew li tiġi organizzata ko-lokazzjoni jew li jitwaqqaf Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet, Stat Membru jew diversi Stati Membri jistgħu, b'mod konġunt, jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi għar-riċeviment ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi (inklużi l-identifikaturi biometriċi). F'każ bħal dan, l-Istat(i) Membru/i konċernat(i) għandu/għandhom jibqa'/jibqgħu responsabbli għall-konformità mar-regoli tat-tħaris tad-data fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi.	Jekk, għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni lokali tal-post konsulari, ma jkunx xieraq li l-uffiċċju konsulari jintrama għat-teħid/ il-ġbir ta' l-identifikaturi biometriċi jew li tiġi organizzata ko-lokazzjoni jew li jitwaqqaf Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet, Stat Membru jew diversi Stati Membri jistgħu, b'mod konġunt, jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi għar-riċeviment ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi (inklużi l-identifikaturi biometriċi). F'każ bħal dan, l-Istat(i) Membru/i konċernat(i) għandu/għandhom jibqa'/jibqgħu ***responsabbli għall-ipproċessar tad-dejta u għalhekk*** responsabbli ***għal kull ksur ta' kuntratt u b'mod partikulari*** għall-konformità mar-regoli *tal-ħarsien* tad-*dejta* fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi. ***Dak/Dawk l-Istat(i) Membru/i għandhom jiżguraw li fornitur estern tas-servizzi skond il-Punt VII, punt 1.B.1b jimpenja ruħu li jwettaq l-attivitajiet tiegħu fl-uffiċċji ta' Stat Membru li jgawdu ħarsien diplomatiku jew konsulari skond il-liġi internazzjonali jew f'uffiċċji tal-Kummissjoni rikonoxxuti mill-istat ospitanti bħala invjolabbli u li staff ikkwalifikat u awtorizzat kif jixraq tal-missjoni diplomatika jew tal-post konsulari ta' l-Istat(i) Membru/i huma preżenti biex jissorveljaw mill-qrib l-attivitajiet tal-forniturі esterni tas-servizzi.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 23 ta' l-abbozz ta' rapport.

Ir-rapporteur tipproponi li fil-każ ta' l-esternalizzazzjoni tax-xogħol uffiċjali konsulari jkunu preżenti biex jissorveljaw il-fornitur tas-servizzi, kif inhu rrakkomandat bil-qawwa mill-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 (p. 10 ta' l-opinjoni tagħhom). Il-preżenza tagħhom tissalvagwardja n-natura pubblika tal-proċess tal-ħruġ tal-viżi. Meta jitqies il-fatt li l-esternalizzazzjoni tax-xogħol diġà jnaqqas b'mod konsiderevoli l-ammont tax-xogħol għall-konsulati dan l-obbligu m'għandux jitqies bħala xi piż addizzjonali għall-Istati Membri. Barra minn hekk, ġie ċċarat li fil-każ ta' l-esternalizzazzjoni, ir-responsabilità aħħarija għall-ipproċessar tad-dejta u għal kull ksur li jista' jsir tal-kuntratt taqa' fuq l-Istati Membri.

Emenda 23
ARTIKOLU 1, PUNT 3Punt VII, punt 1.B.1, punt (b) (CCI)

il-fornitur estern tas-servizzi għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-ħtiġiet li għandhom jiġu osservati meta ssir applikazzjoni għall-viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ġustifikattivi u d-data biometrika mingħand l-applikanti u jiġbor il-miżata amministrattiva (kif previst fil-Parti VII, il-punt 4 u l-Anness 12) u jibgħat il-fajls kompluti u id-data lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni.	b) il-fornitur estern tas-servizzi għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati meta ssir applikazzjoni għal viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ġustifikattivi u d-dejta bijometrika mingħand dawk li jkunu qed japplikaw għal viża u jiġbor il-miżata amministrattiva (kif previst fil-Parti VII, il-punt 4 u l-Anness 12), jibgħat il-fajls kompluti u id-dejta lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni u jreġġa' lura l-passaport lill-applikant.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 24 ta' l-abbozz ta' rapport.

Emenda 24
ARTIKOLU 1, PUNT 3
Point VII, point 1.B.2 (CCI)

1.B.2 - Obbligi ta' l-Istati Membri	1.B.2 - Obbligi ta' l-Istati Membri
L-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu/hom jagħżel/jagħżlu fornitur estern tas-servizzi li jkun kapaċi jiżgura l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa mitluba mill-Istat Membru jew mill-Istati	L-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i) għandu/hom jagħżel/jagħżlu fornitur estern tas-servizzi li jkun kapaċi jiżgura kwalità għolja ta' servizz u l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha ta' sigurtà meħtieġa biex titħares id-*dejta* personali minn qirda

Membri biex titħares id-*data* personali minn qirda aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-*data* fuq xi netwerk jew irriċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u *data* lill-post konsulari, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar.	aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trasmissjoni tad-*dejta* fuq xi netwerk jew irriċeviment u t-trasmissjoni ta' fajls u *dejta* lill-post konsulari, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar
Fil-proċess ta' l-għażla tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri għandhom jagħrblu lill-kumanija biex jaraw jekk hix solventi u affidabbli (u jaraw għandhiex il-liċenzji meħtieġa, għandhiex reġistrazzjoni kummerċjali, u jiflu l-istatuti tagħha u l-kuntratti bankarji) u jiżguraw li ma jkunux jeżisti konflitt ta' interessi.	Fil-proċess ta' l-għażla tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri għandhom jagħrblu lill-kumanija biex jaraw jekk hix solventi u affidabbli (u jaraw għandhiex il-liċenzji meħtieġa, għandhiex reġistrazzjoni kummerċjali, u jiflu l-istatuti tagħha u l-kuntratti bankarji) u jiżguraw li ma jkunux jeżisti konflitt ta' interessi. ***Il-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri jew l-uffiċċji konsulari tagħhom għandhom jiżguraw li l-kumpanija magħżula tkun toffri ħila professjonali relevanti fl-assikurazzjoni ta' l-informazzjoni u s-sigurtà tad-data. L-Istati Membri għandhom isegwu l-aħjar prattiki ta' akkwist meta jikkuntrattaw servizzi esterni ta' appoġġ għall-viżi.***
Il-fornituri esterni tas-servizzi għall-ebda raġuni m'għandu jkollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS). L-aċċess għall-VIS għandu jkun riżervat esklussivament għal staff awtorizzat *tal–*missjonijiet diplomatiċi jew l-uffiċċji konsulari.	Il-fornituri esterni tas-servizzi għall-ebda raġuni m'għandu jkollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS). L-aċċess għall-VIS għandu jkun riżervat esklussivament għall-istaff awtorizzat *tal*-missjonijiet diplomatiċi jew l-uffiċċji konsulari ***unikament għall-għanijiet stipulati fir-Regolament tal-VIS***.
L-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati għandhom jikkonkludu kuntratt mal-fornitur estern tas-servizzi f'konformità ma' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46. Qabel ma jagħlqu kuntratt ta' dan it-tip, il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju ta' l-Istat Membru konċernat għandu, fl-ambitu tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jinforma lill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' Stati Membri oħra u lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni għaliex dan il-kuntratt huwa meħtieġ.	Istati Membri-Istat Membru jew l-L -konċernati għandhom jagħlqu kuntratt mal 'konformità ma'servizzi f-fornitur estern tas .46/95Direttiva -tad 17Artikolu -l Qabel ma tikkonkludi kuntratt bħal dan, il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru kkonċernat għandu jiġġustifika, b'raġunijiet f'konformità mal-Punt VII, punt 1.B, il-ħtieġa tal-kuntratt mal-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri u d-delegazzjoni tal-Kummissjoni fi ħdan il-koperazzjoni konsulari lokali.

Apparti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:	Apparti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:
jiddefinixxu r-responsabbiltajiet ezatti tal-fornitur tas-servizzi,	jiddefinixxu r-responsabbiltajiet ezatti tal-fornitur tas-servizzi,
jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi skond l-istruzzjonijiet ta' l-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-data esklussivament għall-fini ta' l-ipproċessar tad-data personali ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi f'isem l-Istati Membri responsabbli f'konformità mad-Direttiva 95/46,	jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi skond l-istruzzjonijiet ta' l-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-data esklussivament għall-fini ta' l-ipproċessar tad-data personali ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi f'isem l-Istati Membri responsabbli f'konformità mad-Direttiva 95/46,
jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti bl-informazzjoni meħtieġa skond ir-Regolament ….. [l-abbozz tar-regolament tal-VIS], ***[l-abbozz tar-Regolament tal-VIS];***	c) jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti l-informazzjoni meħtieġa skond ***l-Artikolu 37 ta'*** *l-abbozz tar-*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal żjarat qosra;
	ca) jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jiżgura li l-istaff tiegħu jkun imħarreġ kif jixraq u li jirrispetta r-regoli stabbiliti fil-Punt III, punt -1;
	cb) jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jadotta miżuri xierqa ta' kontra l-korruzzjoni;
	cc) jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jirrapporta għand l-Istat Membru responsabbli mingħajr dewmien kull ksur tas-sikurezza jew kwalunkwe problema oħra;
	cd) jesiġu li l-fornitur tas-servizzi jirreġistra kull ilment jew notifikazzjoni mill-applikanti dwar l-u ʕu ħa ʕin ta' data jew aċċess mhux awtorizzat. Il-fornitur estern tas-servizzi għandu jgħarraf lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli mingħajr dewmien u jikkoordina magħhom sabiex isib soluzzjoni. L-ilmenti għandhom jiġu ttrattati b'tali mod li jiġi żgurat li r-risposti spjegattivi jingħataw lill-applikanti tal-viżi fil-pront;
jipprovdu għal aċċess mill-istaff konsulari għall-uffiċċji tal-fornitur tas-servizzi, ikun	d) jipprovdu għal aċċess mill-istaff konsulari għall-uffiċċji tal-fornitur tas-servizzi, ikun

x'ħin u meta jkun,	x'ħin u meta jkun,
jesiġu li l-fornitur tas-servizzi josserva r-regoli tal-kunfidenzjalità (inkluż it-tħaris tal-ġbir tad-data fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi	e) jesiġu li l-fornitur tas-servizzi u l-istaff tiegħu josservaw ir-regoli tal-kunfidenzjalità li għandhom japplikaw ukoll ladarba l-membri ta' l-istaff ikunu telqu mill-impjieg tal-fornitur estern tas-servizzi jew wara li jkun ġie sospiż jew ġie fi tmiemu l-kuntratt,
	ea) jiżguraw li jkun hemm konformità mal-ħarsien tad-dejta, inklużi l-obbligi ta' rappurtaġġ, verifiki esterni, spezzjonijiet għal għarrieda jew b'teħid ta' kampjun minn, inter alia, awtoritajiet nazzjonali tal-ħarsien tad-dejta u li jkun hemm mekkaniżmi fis-seħħ għat-tqassim tar-responsabilità ta' kuntrattur fil-każ li jsir xi ksur tar-regolamenti dwar il-privatezza, inkluż l-obbligu li jingħataw kumpens l-individwi fejn dawn ikunu sofrew ħsara li tirriżulta minn att jew ommissjoni mill-fornitur tas-servizzi;
	eb) jirrikjedu li l-fornitur tas-servizzi ma jikkupjax, jaħżen, jew b'xi mod ieħor iżomm xi dejta li tkun inġabret wara t-trasmissjoni tal-fajl komplut lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar ta' l-appliazzjoni;
	ec) jirrikjedu li l-fornitur tas-servizzi ma jħallix li jsir xi qari, ikkuppjar, modifikazzjoni jew thassir mhux awtorizzati tad-dejta ta' viża waqt it-trasmissjoni mill-fornitur tas-servizzi għall-missjoni diplomatika jew għall-uffiċċju konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' tekniki xierqa ta' kkodifikar.
jkun fihom klawżola ta' sospensjoni jew terminazzjoni.	f) *ikun* fihom klawżola ta' sospensjoni u terminazzjoni.
	fa) ikun fihom klawsola ta' reviżjoni bit-tama li jiġi żgurat li l-kuntratti jkunu jirriflettu l-aħjar prattiki kurrenti;
	fb) jistipulaw regoli dwar l-imġiba ta' l-istaff responsabbli għat-trattament ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi u għall-ġbir tad-dejta bijometrika bl-akbar rispett possibbli għad-dinjità tal-bniedem. Kwalunkwe

	miżura li tittieħed waqt il-qadi ta' dawk id-dmirijiet għandha tkun proporzjonali ma' l-għanijiet ta' dik il-miżura. Waqt it-twettiq tal-kompiti tiegħu, l-istaff m'għandux jiddiskrimina kontra persuni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentament sesswali.
	Għandu jiġi stabbilit xempju ta' kuntratt fi ħdan il-koperazzjoni konsulari lokali.
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm l-inqas tħarbit possibbli tas-servizz għall-applikanti tal-viża jekk jiġri li l-fornitur estern tas-servizzi jieqaf ħesrem milli jipprovdi s-servizzi mitluba skond il-kuntratt.
L-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati għandhom jissorveljaw l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, b'mod partikolari:	L-Istat Membru jew l-Istati Membri *kkonċernati* għandhom ***jikkoperaw mill-qrib mal-fornitur estern tas-servizzi u għandom*** *jimmoniterjaw* ***mill-qrib l-****implimentazzjoni* tal-kuntratt, *inklużi*:
l-informazzjoni ġenerali pprovduta mill-fornitur tas-servizzi lill-applikanti tal-viżi;	a) l-informazzjoni ġenerali pprovduta mill-fornitur tas-servizzi lill-applikanti tal-viżi;
il-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi għat-tħaris tad-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq xi netwerk, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar kif ukoll ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data lill-post konsulari,	b) il-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi għat-tħaris tad-data personali minn qirda aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq xi netwerk, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar kif ukoll ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u data lill-post konsulari,
ir-rilevar ta' l-identifikaturi biometriċi	c) it-teħid u t-trasmissjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi;
il-miżuri mittieħda biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwra it-tħaris tad-data.	d) il-miżuri mittieħda biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tad-dejta u dwar is-sigurtà tad-dejta kif ukoll kontra l-korruzzjoni.
L-ammont totali tal-miżati mitlub mill-fornitur estern tas-servizzi għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għal viża m'għandux jaqbeż il-miżata stipulata fl-anness 12.	***Il-miżata mħallsa mill-applikant*** m'*għandhiex taqbeż* il-miżata stipulata fl-anness 12 ***irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jikkoperaw ma' fornituri esterni tas-servizzi.***
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm għal-lest proċedura li tippermetti l-

	identifikazzjoni tal-fornitur estern tas-servizzi li jkun qed jittratta xi applikazzjoni għal viża.
L-istaff konsulari ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernat/i għandu jipprovdi t-taħriġ lill-fornitur tas-servizzi, li jkun jikkorrespondi ma' l-għarfien meħtieġ biex lil dawk li japplikaw għal viża jkunu jistgħu jingħatawlhom servizz xieraq u informazzjoni suffiċjenti.	L-istaff konsulari ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernat/i għandu jipprovdi t-taħriġ lill-fornitur tas-*servizzi*, li jkun jikkorrespondi ma' l-għarfien meħtieġ biex ikunu jistgħu *jiġu offruti* servizz xieraq u informazzjoni suffiċjenti *lill-applikanti tal-viżi.*

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu fiha l-emenda 47 tar-rapporteur biż-żjieda tar-referenza għad-Direttiva 95/46/KE, regoli dwar il-kondotta ta' l-istaff tal-forniturі esterni tas-servizzi u dispożizzjonijiet aktar speċifiċi dwar il-miżata.

Emenda 25
ARTIKOLU 1, PUNT 3

Punt VII, punt 1.B0.5 (CCI)

1.B0.5 - Kampanja ta' Informazzjoni	1.B0.5 - Kampanja ta' Informazzjoni
Il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji ta' l-Istati Membri għandhom jesponu fil-pubbliku informazzjoni preċiża dwar kif għandu jkun irranġat appuntament u kif għandu jsir it-tfigħ ta' applikazzjoni għall-viża.	***L-Istati Membri u l-missjonijiet diplomatiċi tagħhom jew l-uffiċċji konsulari tagħhom għandhom jipprovdu lill-pubbliku ġenerali l-informazzjoni relevanti kollha rigward applikazzjoni għal viża:***
	(a) il-kriterji, kundizzjonijiet u proċeduri biex dak li jkun japplika għal viża;
	(b) il-mezz kif dak li jkun jakkwista appuntament, jekk dan ikun applikabbli;
	(c) fejn għandha titressaq l-applikazzjoni (missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari kompetenti, ċentru komuni għall-applikazzjonijiet jew fornitur estern tas-servizzi).
	Dan it-tagħrif lill-pubbliku ġenerali għandu jkun disponibbli wkoll permezz ta' sit ta' l-internet komuni tal-viża ta' Schengen.

Dan ta' l-aħħar għandu jkun stabbilit sabiex ikomplu jiġu appoġġjati l-applikazzjoni tal-politika tal-viża komuni u t-trattament tal-proċedura tal-viża.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 26 ta' l-abbozz ta' rapport.

Din hija kkupjata mill-Artikolu 41(1) tal-proposta għal Kodiċi tal-Viżi li hija ħafna aħjar mit-test preżenti. Peress li t-test preżenti x'aktarx li se jidħol fis-seħħ qabel ma l-Kodiċi tal-Viża l-ġdid jiħol fis-seħħ, huwa importanti li jiġu inkorporati fit-test preżenti dawk id-dispożizzjonijiet li huma ġġudikati li huma indispensabbli għall-funzjonament tal-VIS. L-idea li jiġi stabbilit sit ta' l-internet komuni tal-viża ta' Schengen, www.schengenvisa.eu tressqet minn Henrik Lax fl-abbozz ta' rapport tiegħu dwar Kodiċi tal-Viża u r-rapporteur preżenti tappoġġja dan bis-saħħa. Peress li t-test preżenti x'aktarx li se jidħol fis-seħħ qabel ma l-Kodiċi tal-Viża l-ġdid jidħol fis-seħħ, huwa importanti li din id-dispożizzjoni tiġi inkorporata hawnhekk.

Emenda 26
ARTIKOLU 1, PUNT 3Punt VII, punt 1.B.6 (ġdid) (CCI)

1.B0.6 - Kampanja ta' Informazzjoni

Ftit taż-żmien qabel ma l-VIS tkun bdiet titħaddem f'pajjiż terz il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju konsulari ta' l-Istati Membri flimkien mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni, għandhom jillanċjaw kampanja fejn jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar l-objettivi segwiti, id-dejta li tintrefa' fil-VIS u l-awtoritajiet li jkollhom aċċess għall-VIS, u dwar id-drittijiet ta' dawk li japplikaw għal viża. Kampanji bħal dawn għandhom jitmexxew fuq bażi regolari.

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-bidliet importanti li se jġib miegħu t-twaqqif tal-VIS fil-proċedura preżenti tal-viżi u minħabba l-implikazzjonijiet għal min japplika għal viża, huwa importanti li ssir kampanja ta' informazzjoni biex tinforma lill-pubbliku ġenerali dwar is-sistema l-ġdida li tkun fis-seħħ.

Emenda 27
ARTIKOLU 1, PUNT 3Punt VII, punt 1 D, paragrafu 1 (CCI)

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kif bi ħsiebhom jorganizzaw l-ilqugħ u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viża kull fejn jinsab xi konsulat. Il-Kummissjoni għandha tizgura li din l-informazzjoni għandu jkollha pubbliċità xierqa.	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kif bi ħsiebhom jorganizzaw l-ilqugħ u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viża kull fejn jinsab xi konsulat. Il-Kummissjoni għandha *tiżgura li ssir pubblikazzjoni xierqa* ***fuq is-sit ta' l-internet komuni tal-viża ta' Schengen.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 28 ta' l-abbozz ta' rapport. Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda li saret lill-Premessa 5.

Emenda 28
ARTIKOLU 1, PUNT 3Punt VII, punt 1.E (ġdid) (CCI)

	1.E Responsabilitajiet Ġenerali
	1.E.1 Dokumenti
	Kull dokument, dejta jew identifikatur bijometriku li jintlaqa' minn, jew f'isem, Stat Membru waqt li tkun għaddejja applikazzjoni għal viża għandu jitqies bħala "dokument konsulari" taħt il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-koperazzjoni konsulari u għandu jiġi ttrattat b'mod li jixraq.
	1.E.2 Taħriġ
	Qabel ma jiġu awtorizzati biex jieħdu l-identifikaturi bijometriċi, l-istaff tal-missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari għandu jirċievi taħriġ xieraq sabiex tkun żgurata reġistrazzjoni mingħajr intoppi u li

tkun waħda professjonali.

1.E.4 Responsabilità

Kull persuna jew Stat Membru li jkun sofra danni bħala riżultat operazzjoni ta' pproċessar illegali jew kull att li mhux kompatibbli ma' dan ir-Regolament għandu jkun intitolat li jirċievi kumpens mill-Istat Membru li huwa responsabbli għad-danni sofferti. Dak l-Istat Membru għandu jkun eżentat mir-responsabilità tiegħu, jew kollha kemm hi jew parti minnha, jekk iġib il-provi li m'huwiex responsabbli għall-ġrajja li tkun wasslet għad-dannu.

Talbiet għal kumpens kontra Stat Membru għad-danni msemmija fil-subparagrafu preċedenti għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru konvenut.

1.E.5 Pieni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li kull ksur ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari kull użu ħażin tad-dejta mressqa għal applikazzjoni għal viża, ikun jista' jiġi kkastigat b'pieni, inklużi pieni amministrattivi u/jew pieni kriminali skond il-liġi nazzjonali, li jkunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tieħu post l-Emenda 29 ta' l-abbozz ta' rapport.

Hemm miżjuda parti ġdida li fiha responsabilitajiet ġenerali għall-Istati Membri, responsabilitajiet li jidhru indispensabbli għall-funzjonament tal-VIS. Dispożizzjoni dwar l-istatus tad-dokumenti, id-dejta u l-identifikaturi bijometriċi hija importanti biex jiġi żgurat li se jibbenefikaw mill-protezzjoni konsulari. Hija meħtieġa dispożizzjoni dwar it-taħriġ minħabba l-għarfien espert speċifiku li teħtieġ ir-reġistrazzjoni tal-bijometriċi. Huma meħtieġa regoli dwar ir-responsabilità minħabba l-potenzjalità ta' danni li jirriżultaw minn atti li jiksru dan ir-Regolament. L-għażla tal-kliem ġiet iċċarata biex tingieb konformi ma' l-għażla tal-kliem fir-Regolament tal-VIS.

Emenda 29
ARTIKOLU 2

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport	(14) Il-Kummissjoni għandha *tippreżenta*

lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni tar-regolament preżenti sentejn wara li dan jidħol fis-seħħ.	rapport dwar l-*implimentazzjoni* ta' dan ir-Regolament ***tliet snin*** wara ***li l-VIS ikun beda jitħaddem u kull erba' snin wara dan***, u fih tkopri l-*implimentazzjoni* tar-*reġistrazzjoni* ta' l-identifikaturi *bijometriċi*, ***kemm ikun jixraq l-istandard ta' l-ICAO magħżul, il-konformità mar-regoli tal-harsien tad-data, l-esperjenza ma' fornituri esterni tas-servizzi b'referenza speċifika għall-ġbir ta' data bijometrika,*** il-prinċipju ta' "l-ewwel *applikazzjoni*" u l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi. ***Ir-rapport għandu jinkludi wkoll, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 17(12), (13) u (14) u l-Artikolu 50(4) tar-Regolament tal-VIS, il-każijiet fejn il-marki tas-swaba' ma jistgħux jiġu pprovduti b'mod fattwali jew fejn ma kinux meħtieġa li jiġu pprovduti għal raġunijiet legali meta mqabbla ma' każijiet li fihom il-marki tas-swaba' huma mehuda. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni fuq każijiet li fihom persuna li ma setgħetx tipprovdi marki tas-swaba' b'mod fattwali ġiet miċħuda viża. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti xierqa biex jigi emendat dan ir-Regolament.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tgħaqqad flimkien Emenda 56 tar-rapporteur, Emenda 55 tas-Sna Roure u Emenda 40 tas-Sna Kaufmann.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Introduzzjoni

Il-proposta preżenti hija r-raba' element tal-pakkett tal-VIS. Meta qed timmodifika l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni[1] eżistenti qed tipprovdi, l-ewwelnett, għall-obbligu li jingħataw il-bijometriċi li jridu jiġu merfugħa fil-VIS u għall-istandards biex wieħed jagħmel dan.

Għalkemm hemm prevista reviżjoni kompluta tar-regoli tal-viża fir-rigward tal-Kodiċi tal-Viża[2] l-Kummissjoni għamlet din il-proposta speċifika separatament. Ir-raġuni fundamentali li fuqha hu bbażat dan l-approċċ hija li l-adozzjoni tal-Kodiċi tal-Viża x'aktarx li se tieħu aktar żmien mill-proposta preżenti liema proposta l-adozzjoni tagħha tista' tippermetti lill-VIS li tibda topera.[3] Ir-rapporteur tisħaq fuq l-importanza li tkun żgurata l-koerenza bejn iż-żewġ proposti.

Introduzzjoni għall-oqsma tas-suġġetti koperti mill-proposta preżenti kienet ingħatat mir-rapporteur f'żewġ dokumenti ta' ħidma simultanji.[4] Dawk id-dokumenti identifikaw il-kwistjonijiet politikament sensittivi u kienu l-bażi għal diversi diskussjonijiet.

Għat-tħejjija ta' dan l-abbozz ta' rapport ir-rapporteur qieset ukoll l-opinjonijiet siewja ħafna ppreżentati mis-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta[5] u mill-Grupp ta' Ħidma[6] ta' l-Artikolu 29.

II. Il-Bijometriċi

II.1 Il-Marki tas-Swaba'

Ir-rapporteur tipproponi li għall-ewwel persuni li huma ta' eta' ta' inqas minn 14-il sena u dawk ta' aktar minn 79 sena jiġu eżenti mill-obbligu li jipprovdu l-marki tas-swaba', filwaqt li wara tliet snin issir reviżjoni ta' ta' l-età minima u ta' l-età massima wara li jkun sar studju ddettaljat.

L-għażla ta' l-età minima u ta' dik massima f'dan l-istadju trid tkun essenzjalment għażla ta' politika aktar milli waħda bbażata fuq gwida teknika, għas-sempliċi raġuni li parir oġġettiv u indipendenti m'hemmx. L-ebda evalwazzjoni ta' l-impatt ma kienet qed takkompanja l-proposta mill-Kummissjoni, fatt li, meta wieħed iqis il-wegħdiet u l-impenji tiegħu dwar regolamentazzjoni aħjar, huwa ta' dispjaċir kbir u skandaluż mhux ftit. Il-Kummissjoni tidher li sempliċement ressqet proposta li fil-biċċa l-kbira tagħha tirrifletti d-diskussjonijiet li saru ma' l-Istati Membri fil-Kunsill. Flimkien ma' dan, ma teżisti l-ebda esperjenza fuq skala kbira tat-teħid tal-marki tas-swaba' ta' tfal taħt l-erbatax-il sena jew ta' persuni anzjani.

---

[1] Verżjoni kkonsolidata fil-ĠU C 326 tat-22.12.2005, p. 1 - 149
[2] COM(2006)403; Ir-Rapport Lax
[3] Teknikament se tiddaħħal fil-kodiċi tal-viża ladarba dan ikun intlaħaq ftehim dwaru kif kien il-każ għall-ittimbrar ta' dokumenti (Reg. 2133/2004) li kien iddaħħal fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (Reg. 562/2006).
[4] PE 386.565v01-00, 386.717v01-00 ippreżentat f' LIBE fl-10.4. u fit-8.5.2007.
[5] Opinjoni tas-27.10.2006, ĠU C 321 tad-29.12.2006, p. 38
[6] Opinjoni 3/2007 ta' l-1.3.2007 (WP 134)

Għalhekk, fin-nuqqas ta' gwida teknika kredibbli r-rapporteur temmen li jkun għaqli li fl-istadji tal-bidu jiġu adottati età minima u età massima li aħna ċerti li se jkunu jistgħu jitħaddmu, u b'hekk jiġu evitati riskji bla bżonn fejn il-proġett tal-VIS jinbidel f'esperiment kbir. Peress li l-uniċi applikazzjonijiet tal-marki tas-swaba' fuq skala kbira li huma komparabbli bħalissa huma l-Eurodac (età minima ta' 14-il sena) u l-US-Visit (minn 14 sa 79 sena) dawk il-limiti ta' l-età għandhom jintużaw ukoll għal perjodu inizjali għall-VIS.

Iżda anke jekk kienet teżisti teknoloġija ppruvata għat-teħid tal-marki tas-swaba' ta' tfal ta' eta' żgħira ħafna wieħed għandu jaħsibha darbtejn u jistaqsi dwar kemm dak jista' jkun xieraq, meħtieġ u proporzjonat. Analiżi totali bħal din ma tistax issir hawnhekk, għalkemm ir-rapporteur temmen li għall-anqas il-punti li ġejjin jixirqilhom li ssir aktar riflessjoni dwarhom.

L-ewwelnett, irid jiġi kkunsidrat jekk it-teħid tal-marki tas-swaba' ta' tfal taħt l-eta' t'erbatax-il sena huwiex meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-VIS kif stabbiliti fl-Artikolu 1a tat-test miftiehem. Għall-ewwel objettiv, l-iffaċilitar tal-proċedura ta' l-applikazzjoni tal-visa, il-marki tas-swaba' tat-tfal żgħar m'humiex meħtieġa. Għall-kuntrarju, dan kieku jikkumplika l-applikazzjoni għal viża peress li t-tfal ikollhom joqogħdu jiġu l-konsulat biex jipprovdu l-marki tas-swaba' tagħhom. Peress li l-marki tas-swaba' tat-tfal huma suġġetti li jinbidlu, nistgħu naraw is-sitwazzjoni assurda fejn il-marki tas-swaba' tat-tfal ikunu jridu jittieħdu pereżempju kull sentejn filwaqt li dawk tal-ġenituri jkunu jittieħdu kull erba' jew ħames snin.

Għat-tieni objettiv tal-VIS, il-prevenzjoni tax-xiri ta' viżi, etajiet minimi aktar baxxi huma wkoll bla bżonn peress li ssoltu t-tfal żgħar jivvjaġġaw mal-ġenituri tagħhom li mal-fajls ta' l-applikazzjoni tagħhom huma marbuta l-fajls ta' l-applikazzjoni tat-tfal skond l-Artikolu 5(4) tar-Regolament tal-VIS.

Għat-tielet objettiv, l-aġevolment tal-ġlieda kontra l-frodi, huwa meqjus b'mod ġenerali li l-bijometriċi jistgħu jirrendu l-viżi aktar diffiċli biex jiġu kkuntrafatti. Madanakollu, m'hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar jekk teżistix problema ta' viżi tat-tfal kuntrafatti.

Fil-każ tar-raba' objettiv - l-aġevolment tal-kontroll fuq il-fruntieri - il-bijometriċi jkunu jippermettu li jsir kontroll fuq il-fruntieri dwar jekk il-persuna preżenti hijiex l-istess persuna li tkun inħarġitilha l-viża. Għalkemm m'huwiex objettiv espliċitu tal-VIS, dan fit-teorija jista' jkun relevanti għall-ġlieda kontra l-ittraffikar tat-tfal permezz ta' kontroll dwar jekk il-minuri ta' taħt l-erbatax-il sena li hemm fuq il-fruntiera humiex l-istess minuri li kienu marru l-konsulat mal-ġenituri tagħhom. Iżda l-kwistjoni dwar jekk il-'familja' li ppreżentat ruħha fil-konsulat hijiex verament familja tiġi barra mill-ambitu tas-CCI u tal-VIS. Tassew li hemm riskju li d-dipendenza miċ-ċertezza tal-VIS se tkun tfisser fil-fatt tnaqqis fil-propabilità li jsiru interrogazzjonijiet fuq il-fruntieri dwar jekk grupp ikunx jikkostitwixxi familja.

Huwa importanti wkoll li wieħed jiftakar li r-Regolament tal-VIS jipprovdi għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin wara l-bidu ta' l-operazzjonijiet tal-VIS li matulhom l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn jikkontrollaw il-marki tas-swaba' fuq il-fruntieri (Artikolu 16(1a)). Ir-rapporteur jidhrilha li hija ħaġa sproporzjonata li jintalbu l-marki tas-swaba' mit-tfal żgħar filwaqt li m'humiex ikkontrollati b'mod sistematiku fuq il-fruntiera. Hija temmen li dan il-perjodu ta' tliet snin għandu jintuża biex isir studju estiż dwar il-limiti ta' l-età għall-marki tas-swaba' sabiex meta jasal fi tmiemu dan il-perjodu kull deċiżjoni biex jinbidlu l-limiti ta' l-età jkunu jistgħu jsiru fuq bażi li tkun infurmata aħjar.

Għall-ħames objettiv tal-VIS, li tingħata għajnuna fl-identifikazzjoni ta' persuni li m'humiex iddokumentati, il-marki tas-swaba' tat-tfal m'hemmx bżonnhom l-anqas peress li m'humiex ta' kwalità adegwata biex jintużaw għall-identifikazzjoni kif tirrikonoxxi l-Kummissjoni.[1]

Għas-sitt objettiv, l-aġevolment ta' l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin II[2], it-teħid tal-marki tas-swaba' tat-tfal ta' taħt l-14-il sena tidher li tmur kontra l-età minima mniżżla fir-Regolament tal-Eurodac u t-test preżenti ma jistax jibdel dak il-limitu[3].

Fl-aħħarnett, huwa dubjuż ukoll jekk il-marki tas-swaba' tat-tfal ta' taħt l-14-il sena ikunux jikkontribwixxu lejn il-prevenzjoni ta' theddidiet li jista' jkun hemm għas-sigurtà interna. Filwaqt li dak li jkun jista' jimmaġina f'każijiet rari ħafna li t-tfal ikunu involuti f'atti terroristiċi jew delitti serji oħra hemm dubji dwar jekk dan jiġġustifikax it-teħid tal-marki tas-swaba' ta' tant tfal.

Ir-rapporteur temmen li l-età massima ta' 79 sena bħal m'hu fil-US-Visit huwa daqshekk ieħor importanti. Huwa wisq improbabbli li persuni ta' 'l fuq minn 79 sena jkunu riskju ta' immigrazzjoni jew terroriżmu. Tidher ħaġa sproporzjonata li tgħabbihom bl-obbligu li jivvjaġġaw lejn konsulat u possibilment jistennew barra fil-kjù għal diversi drabi. Mingħajr l-obbligu li jipprovdu l-marki tas-swaba' huma jkunu jistgħu jużaw metodi tradizzjonali bħalm'hi xi aġenzija ta' l-ivvjaġġar. Flimkien ma' dan, l-eżattezza tal-marki tas-swaba' tonqos huwa u jixjieħ il-bniedem. Dan ifisser li jista' jkun li jiltaqgħu ma' problemi mhux iġġustifikati kemm fil-konsulat jew anke fuq il-fruntieri. Barra minn hekk huwa wisq aktar diffiċli għal persuna xiħa li tagħti l-marki tas-swaba' jekk tkun eżitanti jew ma tkunx tifhem it-teknoloġija. Il-rapporteur ma tkunx tixtieq li l-UE tagħti l-impressjoni lill-barranin li qed tonqos milli tirrispetta lill-anzjani.

II.2 Ir-Ritratti

Il-Kummissjoni ma tipproponix xi eżenzjoni skond l-età f'dak li jirrigwarda r-ritratti u r-rapporteur taqbel ma' dan. Il-Kummissjoni tħalliha miftuħa l-mistoqsija ta' jekk jintużawx ritratti skennjati huma jew ritratti meħuda fil-konsulat. Ir-rapporteur hija tal-fehma li għal persuni li jkunu eżenti mit-teħid tal-marki tas-swaba', bħala regola r-ritratti skennjati għandhom jintużaw biex jiġi evitat li jkollhom joqogħdu jiġu l-konsulat sempliċement biex jitteħdilhom ritratt.

II.3 Kull kemm se jsir il-ġbir tad-dejta

Il-Kummissjoni tipproponi li l-applikant ikun mitlub jidher personalment biex jirreġistra għall-ewwel applikazzjoni u li dik id-dejta tiġi kkupjata għal kull applikazzjoni li tista' ssir wara fi żmien perjodu ta' 48 xahar. Ir-rapporteur tipproponi li dan il-perjodu jkun estiż għal 59 xahar li xorta jiggarantixxi li d-dejta tkun disponibbli fil-VIS f'konformità mal-perjodu ta' żamma tagħha ta' 5 snin. It-titwil tal-perjodu ma jaffettwax is-sikurezza tal-proċess tal-viża u jagħmlu iżjed adattat għall-utenti. Ir-rapporteur tipproponi wkoll emenda li tagħmilha ċara li

[1] "Il-marki tas-swaba' ta' tfal ta' bejn is-6 snin u t-12-il sena huma utli biss għal paragun wieħed ma' wieħed." (p. 9 tal-proposta)
[2] Reg. 343/2003; ara l-Artikolu 1a(f) tar-Regolament tal-VIS.
[3] Dokument ta' Informazzjoni "Il-Bijometriċi u l-Applikazzjonijiet tal-Viżi" ta' Steve Peers, p. 5

wara 59 xahar għandha tittieħed dejta bijometrika ġdida, peress li l-proposta tal-Kummissjoni kienet donnha qed timplika li jekk persuna tapplika għal viża b'mod regolari (fi żmien il-perjodu ta' 48 xahar) l-istess dejta bijometrika tkun tistà tintuża għal għomor sħiħ. Fl-aħħar, ir-rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni lejn il-punt li l-għażla ta' 14-il sena bħala l-età minima għall-marki tas-swaba' hija marbuta ma' kull kemm se tinġabar id-dejta. Li kieku l-età minima kellha titbaxxa, il-marki tas-swaba' tat-tfal kien ikollhom jittieħdu aktar spiss peress li jinbidlu l-ħin kollu.

III. L-ilqugħ ta' l-applikazzjonijiet tal-viża

III.1 L-Esternalizzazzjoni ta' Xogħol

Ir-rapporteur taqbel mal-kunċett ġenerali ta' l-esternalizzazzjoni ta' xogħol kemm-il darba din ittejjeb is-servizz għall-applikanti għall-viża u sakemm issir taħt kundizzjonijiet li jassiguraw l-integrità tal-proċess tal-ħruġ ta' viżi. Dawn il-kundizzjonijiet essenzjali huma li l-esternalizzazzjoni tax-xogħol ikun verament użat bħala l-aħħar mezz, li l-fornitur tas-servizz ikun jopera f'binja li tkun taħt ħarsien diplomatiku, li l-uffiċjali konsulari jkunu preżenti biex jissorveljaw mill-qrib l-istaff tal-fornitur tas-servizz u li l-klawsoli kuntrattwali li jipprovdu għas-superviżjoni tal-kuntrattur ikunu infurzati.

III.2 Ċentri Komuni għall-Applikazzjonijiet (CACs)

L-istess bħal fil-każijiet ta' l-esternalizzazzjoni tax-xogħol, ir-rapporteur hija tal-fehma li s-CACs għandhom jiġu stabbiliti biss f'binja li tkun tgawdi l-ħarsien diplomatiku.

PROĊEDURA

Titolu	Istruzzjonijiet konsulari komuni: elementi ta' identifikazzjoni bijometriċi u applikazzjonijiet għal viża
Referenzi	COM(2006)0269 - C6-0166/2006 - 2006/0088(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	31.5.2006
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.6.2006
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Sarah Ludford 20.6.2006
Eżami fil-kumitat	19.6.2006 27.11.2006 11.4.2007 17.7.2007 12.9.2007 20.11.2007
Data ta' l-adozzjoni	20.11.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 –: 2 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Philip Bradbourn, Kathalijne Maria Buitenweg, Giuseppe Castiglione, Giusto Catania, Carlos Coelho, Elly de Groen-Kouwenhoven, Esther De Lange, Panayiotis Demetriou, Bárbara Dührkop Dührkop, Armando França, Roland Gewalt, Jeanine Hennis-Plasschaert, Lívia Járóka, Ewa Klamt, Magda Kósáné Kovács, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Roselyne Lefrançois, Sarah Ludford, Dan Mihalache, Javier Moreno Sánchez, Bogusław Rogalski, Martine Roure, Inger Segelström, Károly Ferenc Szabó, Søren Bo Søndergaard, Vladimir Urutchev, Manfred Weber, Tatjana Ždanoka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Simon Busuttil, Gérard Deprez, Sophia in 't Veld, Ona Juknevičienė, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Mary Lou McDonald, Marianne Mikko, Hubert Pirker
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Louis Grech
Data tat-tressiq	29.11.2007